10 ta' Marzu, 1952.
Imhallfin:
Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *A/President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Alessandro Cortis *versus* Michele Bugeja

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Hanut — Mahżen — Art. 2 u 15 tal-Kap. 109 ta' l-Edizzjoni Riveduta.**

*Il-Liġi tal-Kera, meta semmiet il-mahżen bhala fond protett minn dik il-liġi, ma riedetx tinkludi f'din il-klassifika ta' fondi kwalunkwe fond fejn wiehed jerfa' xi affarijiet, ikunu x'ikunu; imma riedet tikkontempla fondi konnessi man-negozju, jew ahjar fondi li huma "mahżen" fejn wiehed iżomm il-merkanzija tan-negozju tieghu.*

Il-Qorti, — Rat ir-rikors ta' Alessandro Cortis quddiem il-Board li jirregola l-Kera, fejn talab biex jerġa' jiehu taht idejh il-post nru. 18 Sqaq nru. 1, Triq il-Kulleġġ, ir-Rabat, mikri lill-intimat Michele Bugeja, ghax iridu ghall-użu tieghu;

*Omissis;*

Rat is-sentenza moghtija minn dak il-Board fl-24 ta' Ot-

tubru 1951, li biha ġiet milqugħa t-talba, bl-ispejjeż kontra l-intimat, li ġie mogħti xahar żmien biex jiżgombra; wara li kkunsidra;

Li r-rikorrent irid il-post għall-użu tiegħu, u billi l-fond mhux "dwelling house", l-unika ħaġa li trid tiġi eżaminata hija jekk il-fond jaqgħax taħt il-klassifika ta' "ħanut" kif din il-kelma hija definita f'section 2 tal-Kap. 109 Ed. Riv. LL. ta' Malta;

Illi l-liġi tikkontempla bħala fond protett taħt section 13 "maħżen"; imma ma jidherx li l-liġi riedet tinkludi f'din il-klassifika ta' fondi kwalunkwe fond fejn wieħed jerfa' xi affarijiet, ikunu x'ikunu. L-intimat huwa gabillott, u billi jaħdem kwantità medjokri ta' raba', bilfors irid ikollu xi għodda, ossija dak li jissejjaħ "irkaptu"; u billi jkollu fond fejn iżomm dan l-"irkaptu", u anki xi prodotti tar-raba', ma jfisserx li dan il-fond għandu jikkwalifika ruħu "maħżen" fissens li għandu jittieħed mill-kontest tad-definizzjoni tal-kelma "ħanut" — kontest li juri li l-liġi riedet tikkontempla fondi konnessi ma' negozju, jew aħjar fondi li huma maħżen fejn hemm "wares" jew "goods" li huma l-oġġetti tan-negozju ta' min jikrihom. Infatti l-ekwivalent tal-kelma "maħżen" hija fit-test Ingliż "ware-house", u l-użu li jagħmel mill-fond l-intimat qatt ma jista' jimporta li huwa "ware-house". Għandu jiġi notat illi meta hemm dubju fuq id-diċitura jew fuq l-interpretazzjoni, huwa t-test Ingliż li għandu jipprevali;

Illi għalhekk, ladarba l-fond mhux fond kummerċjali, mhux protett taħt section 13 tal-Kap. 109; u ladarba mhux "dwelling house" mhix applikabili l-limitazzjoni imposta għad-dritt tal-preferenza tas-sid f'section 10 ta' l-istess Kap. 109; u s-sid, la jridu għalih, għandu dritt li jirriprendi pussess tiegħu;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Michele Bugeja quddiem din il-Qorti, fejn talab li l-imsemmija deċiżjoni tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent Alessandro Cortis, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mill-provi li l-post in kwistjoni huwa għar,

li għandu biss il-faċċata ta' barra u biċċa żgħira ta' wara mibnija. Dak il-post ma hux tajjeb għall-abitazzjoni, imma ġie mikri għal dak l-iskop. Fi żmien il-gwerra kien iservi bħala "shelter" għan-nies ta' dawk l-inħawi, u qabel kien mikri lil wieħed furnar, li kien iżomm fih il-faħam u l-ħatab. L-appellant hu gabillott, u għandu wkoll ħanut mad-dar ta' l-abitazzjoni tiegħu. F'dan il-ħanut huwa jbiegħ ħaxix u prodotti oħra li jiġbor mir-raba' tiegħu. Il-post in kwistjoni huwa qrib dak il-ħanut u, skond ma xehed l-appellant, huwa soltu jqiegħed ġo fih l-għodda tal-biedja u anki xi prodotti tar-raba';

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant qiegħed isostni illi l-post fuq imsemmi għandu jitqies li huwa "ħanut" skond id-definizzjoni li tinsab fl-art. 2 ta' l-Ordinanza XXI ta' l-1931 (Kap. 109), billi, in bażi għas-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Jannar 1938 in re "Debono vs. Micallef" (Kollez. Vol. XXX, Parte I, paġ. 5) il-persuna li għandha ħanut u żżomm band'oħra l-merkanzija tkun qiegħda teżerċita anki f'dan il-post l-arti jew il-mestjer tagħha;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi li ġew imressqin din il-Qorti taqbel mal-Board li l-fond imsemmi fir-rikors ma jaqax taħt il-klassifika ta' "ħanut" skond l-imsemmija definizzjoni tal-liġi kif interpretata bis-sentenza fuq ċitata. Infatti ma ġiex pruvat b'mod soddisfaċenti li f'dak il-fond l-appellant soltu jżomm il-merkanzija tan-negozju tiegħu. Anzi mill-kumpless tal-provi rriżulta li dik il-merkanzija li ma tidħolx fil-ħanut huwa jżommha fir-remissa li tinfed mal-ħanut u f'kamra oħra li tiġi warajha;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk kontenuti fis-sentenza appellata, li huma adottati, l-appell ma jistħoqqlux jiġi milqugħ;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Board li jirregola l-Kera fl-24 ta' Ottubru 1951, bl-ispejjeż kontra l-appellant Michele Bugeja; b'dana li t-terminu

ta' xahar bl-istess sentenza impost għandu jibda jgħaddi mil-lum.